MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2587/2002

**Avviz Numru 2587/02 AJD**
**Homemaster Furnishings Co. Ltd**

**vs**

**Amicable Commercial Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta'Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disa' u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm239.95) rappresentanti bilanc ta' prezz rigwardanti fornitura ta' apparat u servizzi ta' installer rezi lis-socjeta' konvenuta fil-fond 'Stelle Alpine', gewwa Baystreet, San Giljan, skond ma jirrizulta mill-fattura numru 000402 immarkata bhala Dok. 'A'.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Ottubru 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr.Lisa Lombardi, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u disa’ u tletin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm239.95), bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-10 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru 2002, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**